MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1314/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kyie Borg )**

**Vs**

**Abdel Bari Hagi, ta' 45 sena, iben Ali u Farha xebba Ahmed, imwieled El Kamishli fis-Sirja nhar is-6 ta' April 1967 residenti 122, Flat 4, Triq ir-Repubblika, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 149295M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, gewwa l-Belt Valletta, fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Dicembru 2012 ghall-habta ta' nofs il-lejl nieqes kwar:

1. Ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' Catherine Hagi, (il-mara tieghu), liema offizi jitqiesu li huma hfief skond kif iccertifikat Dr. Chloe Bugeja M.D.

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69) imma hi izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u cioe computer u mobile phone HTC.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, il-fatt illi mart l-imputat hafritlu ghall incident, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex irabbi l-familja tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 216 u 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed

tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zimen sentejn mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------